

IL-KRIMINALITÀ TAL-IP U R-RABTA TAGĦHA MA' REATI SERJI OĦRA Enfasi fuq il-Poli-kriminalità

Sommarju Eżekuttiv



**IL-KRIMINALITÀ TAL-IP U R-RABTA
TAGĦHA MA' REATI SERJI OĦRA**
Enfasi fuq il-Poli-kriminalità

Sommarju Eżekuttiv

L-għan ta' dan ir-rapport huwa li jinforma lill-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi u lil dawk li jfasslu l-politika dwar il-modi differenti li bihom il-kriminalità tal-IP hija marbuta ma' forom oħra ta' attività kriminali. Ir-rapport huwa fil-forma ta' reġistru, li jippreżenta studji tal-każ fejn il-kriminalità tal-IP hija marbuta ma' forom oħra ta' kriminalità.

Hemm żewġ modi kif il-kriminalità tal-IP tista' tkun marbuta ma' attivitajiet kriminali oħra: b'attività kriminali waħda li tappoġġja lill-oħra, jew bħala attivitajiet paralleli.

Fil-każ ta' attivitajiet kriminali ta' appoġġ, ir-relazzjoni tista' ssir b'żewġ modi. L-ewwel nett, forom oħra ta' mġieba kriminali jistgħu jintużaw biex tiġi ffaċilitata l-kriminalità tal-IP. Pereżempju, xi gruppi tal-kriminalità organizzata (OCGs) jipproduċu dokumenti foloz sabiex ibigħu l-oġġetti ffalsifikati tagħhom bħala leġittimi. F'dan il-każ, ir-reat tal-IP huwa l-attività kriminali appoġġjata. Inkella, il-kriminali jistgħu jkunu involuti fl-iffalsifikar biex jiġġeneraw profitt li jintuża għal tipi oħra ta' kriminalità serja u organizzata, bħat-traffikar tad-droga jew it-terroriżmu. F'dan il-każ, ir-reat tal-IP huwa l-attività kriminali ta' appoġġ.

Fil-każ ta' attivitajiet kriminali paralleli, l-OCGs jinvolvu ruħhom f'forom differenti ta' mġieba kriminali li huma relattivament indipendenti minn xulxin. Dawn jistgħu jkunu kompletament mhux konnessi jew interkonnessi, iżda mingħajr attività waħda li b'mod ċar tiffaċilita lill-oħra. Eżempju ta' dan tal-aħħar huwa OCG li tuża l-istess rotta jew metodu ta' trasport għat-traffikar ta' oġġetti ffalsifikati u prodotti illeċiti oħra.

L-istudji tal-każ f'dan ir-rapport juru kif firxa wiesgħa ta' reati differenti huma marbuta mal-kriminalità tal-IP, inkluż il-ħasil tal-flus, il-frodi tad-dokumenti, iċ-ċiberkriminalità, il-frodi, il-produzzjoni tad-droga u t-traffikar u t-terroriżmu. Dawn juru li l-idea tal-kriminalità tal-IP bħala reat mingħajr vittmi hija żbaljata u tista' tirriżulta f'nuqqas ta' attenzjoni għall-ħsara li tirriżulta minn dawn l-aktivitajiet kriminali. L-għarfien dwar ir-rabtiet bejn il-kriminalità tal-IP u oqsma oħra tal-kriminalità jista' jgħin lill-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi biex jirrikonoxxuhom aħjar f'każijiet futuri, u jappoġġja lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet biex jindirizzawhom f'livell ta' politika.

